**171. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Alfred Sant jipproponi:-**

"Din il-Kamra tar-Rappreżentanti:

Wara li kkonsidrat kif fl-20 ta' Settembru 1994, b'Warrant maħruġ mill-President tar-Repubblika, li kien iffirmat ukoll b'awtorità mill-Ministru tal-Ġustizzja l-Onor. Dr Joe Fenech, Francisco Assis Queiroz li kien jinsab maqful fil-ħabs ta' Kordin skont sentenza tal-Qrati, ingħatatlu maħfra presidenzjali mis-sentenza tiegħu, u kien ordnat li jiġi meħlus mill-ħabs b'seħħ mis-26 ta' Settembru 1994;

Wara li qieset kif Assis Queiroz inqabad f'Malta fil-pussess ta' ammont sostanzjali ħafna ta' droga, li f'Malta u Għawdex kien se jagħti spinta kbira 'l quddiem lit-traffiku llegali tad-droga b'dannu kbir għall-poplu;

Wara li għarblet ir-raġunijiet dgħajfa mogħtija fuq fuq mill-Gvern biex jiġġustifika l-maħfra mogħtija, fejn intqal li Assis Queiroz kellu problemi ta' saħħa, liema problemi żgur mhumiex anqas minn dawk li għandhom uħud mid-detenuti l-oħra fil-ħabs ta' Kordin;

Taqbel li d-deċiżjoni tal-Gvern li jagħti l-maħfra presidenzjali lil Assis Queiroz tmur għal kollox kontra l-impenn li għandu jkollu l-Gvern Malti biex jiġġieled b'kull mezz kontra l-ittraffikar illegali tad-droga;

Tifhem kif il-maħfra mogħtija bil-fors toħloq diżgwid kbir fost il-forzi tas-sigurta' fil-pajjiż li b'sagrifiċċju kbir, jiġġieldu kontra t-traffikanti tad-droga li ħafna drabi huma mgħammra b'riżorsi ħafna aqwa minn tagħhom;

Tinnota b'inkwiet iċ-ċirkostanzi strambi li fihom ingħatat il-maħfra presidenzjali b'mod li kibru s-suspetti ġustifikati fost iċ-ċittadini li saru arranġamenti finanzjarji moħbija biex tkun tista' tingħata l-maħfra presidenzjali;

Taqbel li fiċ-ċirkostanzi tal-aħħar ġimgħat fejn il-pulizija dehru li kienu qed jagħmlu ċertu progress fil-kisba ta' informazzjoni siewja dwar l-ittraffikar tad-drogi, il-maħfra mogħtija lil Assis Queiroz bil-fors iżżid il-klima ta' suspetti u sfiduċja lejn l-awtoritajiet għolja li suppost huma impenjati mija fil-mija fil-ġlieda kontra l-ittraffikar illegali tad-droga - u dan aktar u aktar, meta jidher li Assis Queiroz baqa' qatt ma ta informazzjoni serja u kredibbli, dwar iċ-ċirkostanzi li fihom ġie Malta, la qabel u lanqas wara l-maħfra presidenzjali;

Temmen li s-soċjetà Maltija tinsab wiċċ imb wiċċ ma' mewġa dejjem tinfirex ta' traffikar fid-drogi organizzat minn nies li qed isibu protezzjoni misterjuża, waqt li l-ħajja ta' aktar u aktar familji qed tiġi perikolata mill-ħidma bla rażan ta' negozjanti tad-droga qawwija ħafna;

Taqbel li quddiem din il-kriżi, il-Gvern irid juri impenn sod u ma jaqta' xejn biex jibqa' jsaħħaħ il-ġlieda nazzjonali kontra n-negozju qerried tad-droga;

Għalhekk din il-Kamra tar-Rappreżentanti:

Tikkundanna d-deċiżjoni meħuda mill-Gvern li jagħti l-maħfra presidenzjali lil Assis Queiroz;

Tiddikjara li ma għandha l-ebda fiduċja fil-Ministru tal-Ġustizzja l-Onor Dr Joe Fenech, titlob ir-riżenja tiegħu, u fil-każ li dan ma jsirx, tesiġi t-tkeċċija tiegħu minn Ministru tal-Ġustizzja;

Tiddeċiedi li jitwaqqaf Kumitat Magħżul tal-Kamra, b'rappreżentazzjoni ugwali min-naħa tal-Gvern u min-naħa ta' l-Oppożizzjoni, presedut minn Membru ta' l-Oppożizzjoni, li fost dmirijiet oħra jkollu dawk li fi żmien erba' ġimgħat

- jinvestiga fid-dettall is-segwenza ta' ġrajjiet li wasslu għad-deċiżjoni biex tingħata l-maħfra presidenzjali;

- jagħrbel ir-riperkussjonijiet ta' din id-deċiżjoni fuq il-forzi tas-sigurta' f'pajjiżna;

- jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltajiet differenti fid-deċiżjoni meħuda;

- jagħmel rakkommandazzjonijiet lill-Kamra dwar x'aktar passi għandhom jittieħdu dwar dan il-każ, dwar kif għandu jkun hemm salvagwardji biex ma jerġgħux jiġru abbużi simili fil-futur, u dwar kif għandu jiġi rijaffermat il-prinċipju li l-Istat Malti hu tassew determinat li t-traffikar kriminali tad-droga, jagħmlu min jagħmlu, ma jibqax għajn ewlieni tal-qerda taċ-ċittadini, fosthom mhux l-anqas iż-żgħażagħ.".

3.10.1994

Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami ressaq din l-Emenda:-

Ħassar il-paragrafi kollha wara t-tieni paragrafu u daħħal flokhom dan li ġej:

"Wara li semgħet id-dikjarazzjoni dwar il-fatti magħmula lilha mill-Ministru tal-Ġustizzja, l-Onor Dottor Joseph Fenech;

Wara wkoll li l-Ministru tal-Intern u Żvilupp Soċjali, l-Onor Dottor Louis Galea spjega l-miżuri kollha li ħa, qed jieħu u se jkompli jieħu l-Gvern fil-ġlieda kontra t-traffikar illegali u l-abbuż tad-droga;

Tifhem il-preokkupazzjoni tal-opinjoni pubblika biex din il-ġlieda b'ebda mod ma tiddgħajjef;

Taqbel li l-Gvern għandu jkompli juri impenn sod u ma jaqta' xejn biex jibqa' jsaħħaħ il-ġlieda nazzjonali kontra n-negozju qerried tad-droga;

Tirrakkomanda li l-maħfra presidenzjali ma tingħatax, ħlief f'ċirkostanzi għal kollox speċjali, f'każijiet ta' kundanni għal reati konnessi mat-traffikar tad-droga.".

06.10.1994